MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Numru 655/2001

**Il-Pulizija**

(Spettur Carlo Ellul)

**vs**
**Gaetano Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gaetano Cassar ta' 54 sena, iben George u Giovanna nee' Farrugia, imwieled Marsa fis-16 ta' April 1947 u joqghod 164 Triq Hal-Qormi Marsa, karta ta' l-Identita numru 412947(m)
Talli fl-20 ta' Novembru 2000 u fi snin ta' qabel bhala d-detentur tal-fond Nru 164 Triq Qormi Marsa jew bhala l-persuna illi kellu f'idejh l-imsemmi fond b'diversi atti

maghmulin fi zminijiet li jiksru l-istess disposizjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. ikkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm100 u anqas minn Lm1000 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur,

2. u aktar talli ghamel hsara jew kisser parti mill-meter ta' l-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat,

1. L-Artikolu 264 (2) tal-kap 9 jiddisponi li fil-kaz ta' ksur ta' xi sigilli jew ta' xi meter, jew fil-kaz li jkun hemm mezzi qarrieqa li fihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent eletriku, jew li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew mmarkar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata jitqies sakemm ma jigiex ippurvat il-kuntrarju bhala prova illi d-detentur tal-fond fejn ikunu instabu dawk il-ksur u l-mezzi qarrieqa, jaf b'dan l-uzu jew konsum ta' dak il-kurrent.

2. Dan is-subartikolu johloq prezunzjoni ta' 'dolo' juris tantum li ghandha tipprevali jekk ma jigiex pruvat il-kuntrarju. Il-Ligi ma tispostax l-oneru tal prova ta' l-innocenza ta' l-imputat fuqu. L-Oneru jibqa dejjem fuq il-prosekuzzjoni li ghandha favoriha il-prezunzjoni imsemmija li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra ta' l-istess prosekuzzjoni. (ara 'Il-Pulizija vs Michael Attard' deciza fit-12 ta' Frar 1993 per C.A. Agius). F'kazijiet bhal dan in ezami meta m'hemmx ammissjonijiet, kollox jiddependi fuq l-apprezzament ta' provi. It-telgha hija aktar iebsa ghall-imputat imhabba l-prezunzjoni fuq imsemmija (ara 'Il-Pulizija vs Edwin Scicluna 22 ta' Settembru 1993 per C.A. Agius).

3. Jirrizulta li l-imputat kien ilu fil-fond tlettax il- sena meta instab l-arlogg tad-dawl. Mir-rapport mahluf mill-espert tekniku jirrizulta li

“Illi tnehhew is-sigilli minn ma l-imsemmi arlogg tad-dawl, inqalghet il-gasket minn naha ta’ gewwa ta’ l-ghatu ta’ dan l-arlogg sabiex setgha jinsteraq il-kurrent elettriku, billi titwaqqaf id-diska tieghu u b’hekk ma jimmarkax ezatt il-konsum elettriku kif ikun qed jintuza”.
Jirrizulta lill-istess espert li l-arlogg kien qed jirregistra l-konsum elettriku.

4. Carmel Pace, ‘Senior Distribution Tradesman’ ma l-Enemalta xehed illi hu sab il-meter jirregistra
“pero meta jigifieri nsibu f’dak l-istat nghid li xi hadd ghafgu biex ikun jista jidhol gol-meter, idahhal xi haga gol-meter u jwaqqaf id-diska” (fol34). Kuntrarju ghal dan li jghid l-espert ix-xhud jghid li s-sigilli kienu hemm (fol35). Jghid ukoll “jien nahseb illi trid taqta” wara mistoqsija “Biex tnehhi l-gasket hemm bzonn tnehhi sigilli jew le, jista jitnehha l-gasket minghajr ma jitnehhew is-sigilli” (fol 36).

5. Skond P.S. 768 Silvio Brincat is-sigilli kienu ghadhom intatti (fol 39). Skond Paul Magri l-hsara tfisser “li l-arlogg gie illevat allura dak jigi damage u l-gasket mahrug minn go fih”. Ix-xhud, kif jghid hu stess mhux bniedem kwalifikat biex jghid jekk dak li se jilqotx il-konsum jew le (fol 50).

6. Is-Sur Silvio Decelis hadem estimu konservattiv ta’ nuqqas ta’ konsum billi ha in konsiderazzjoni ‘tibdil fl-appart’. Hu qaghad fuq li qalulu dawk li marru fuq il-post. Qalulu li s-sigilli ma kienux tajbin. Izied “ibbazajna li seta kien (hemm) tampering mall-meter (fol 55) u “jien jekk kienx hemm serq ma nistax nghid, jien li nista nghid diskripanza mhux serq”. Il-Qorti taf ix-xoghol tax- xhud hu li jahdem id-diskripanzi.

7. <u>Ix-xhieda ma jaqblux dwar is-sigilli ma l-espert u ma kienux xehdu quddiemu. Ic-comb kien inbatt. Il-meter kien ghadu jahdem.</u>

8. Biex isir tbaghbis fil-konsum irid jiddahhal xi haga gol-gasket biex jinsteraq il-kurrent ta’ l-elettriku. L-espert assuma li ddahhlet xi haga hekk (fol 25). Ix-xhud Pace assuma li ghax il-meter kien mghaffeg xi hadd <u>dahhal xi haga gol-meter u waqqaf id-diska (fol 34).</u>

9. L-akkuzat xehed quddiem l-espert bil-gurament u cahad li mess il-meter. Qablu kien hemm haddiehor fil-fond.

10. Dan il-kaz li jixbah hafna lil dak ta' 'Il-Pulizija vs Raymond Abela' (Appell 16 ta' Lulju 1990 per W.P. Gulia) fejn intqal li l-prezunzjoni imsemmija fil-bidu ta- din is-sentenza hi wahda 'feroci' u "titlob analizi sew biex mhux meta jkun hemm xi haga nghidu allura ghandna l-ezistenza tal-mezzi qarrieqa". Is-sentenza izzied tghid

"Din il-Qorti ma tifhimx li ghanda ssib il-mezzi qarrieqa hija. Kien hemm biss parti minnhom u anqas ma hija il-parti illi fil-fatt ghandha l-potenzjalita li twassal ghat-twaqqif, irid ikun hemm xi haga ohra ……biex twassal ghal potenzjalita tat-twaqqif tar-registrazzjoni ……. dak jikkreja suspett biss u din il-Qorti qatt ma waslet biex tikkundanna lil xi hadd semplicement fuq suspett. Is-suspett irid jammonta ghal prova u la l-prezunzjoni legali ma tammontax ghal prova ghal prezunzjoni li titlob il-Ligi, allura l-Qorti jkollha tghid li ma tistax issib fil-process hawn bizzejjed biex issib lill-akkuzat hati".

Issir referenza ukoll ghas-sentenza 'Il-Pulizija vs Paul Barbara' ( Appell 26 ta' Mejju 1998 per P.Vella).

Minghajr ma tisposta l-prezunzjoni l-Qorti taghti l-beneficju tad-dubbju lill-akkuzat u tehilsu minn kull htija u kastig.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------